# RITRATT BI STORJA WARAJH ... 30 SENA ILU

Kitba ta' Charles Debono

Huwa fatt magħruf minn kulħadd illi s-Soċjeta' tagħna minn dejjem kienet benniena tad-dilettanti tal-festa u tad-dar t'Alla. Bosta huma x-xhieda ta' dan matul ħajja bla waqfien ta' aktar minn 140 sena. Dan ngħiduh mingħajr ma nħallu barra s-sehem kbir u ewlieni li tat lill-poplu fin-nisġa kulturali u soċjali ta' Beltna.

Niftakar qisu l-bieraħ meta lejn l-aħħar tas-snin sittin, eżattament fl-1969, hawn Malta kienet inqalgħet kontroversja sħiħa dwar Santa Katarina minn persuni li għoġobhom jinterpretaw kif deherilhom huma deċiżjoni ta' Ruma dwar il-kalendarju universali rivedut. Id-dehra tal-**Papa Ġwanni Pawlu II iqim u jbus ir-relikwija ta' ras u id Santa Katarina** li jinsabu miżmuma b'għożża kbira mill-Patrijiet Ortodossi fil-Monasteru tagħha fuq is-Sinaj ġabuli memorji ta' dak iż-żmien u għidt bejni u bejn ruħi: "Min jaf kemm tkażaw dawn it-talin jaraw lill-mexxej tal-Knisja Kattolika jagħmel dan il-ġest **ekumeniku** filwaqt li fid-diskorsi tiegħu jsemmi għal diversi drabi l-isem sabiħ ta' Santa Katarina u anke jitlob l-interċessjoni tagħha".



Nazzareno Gauci bil-kuruna tad-deheb . Ritratt meħud fil-Każin Beland qabel ma tpoġġiet fuq ras Santa Katarina. (Ritratt ġentilment misluf mill-familja Gauci).

Lura lejn is-sena 1969 u l-ferment kbir illi kien qam ġewwa r-raħal tagħna illi għal sekli sħaħ żamm lill-qaddisa Lixandrina bħala l-patruna tiegħu. Lejha kienu jduru missirijietna fil-hemm u fit-tbatija tagħhom. Xhieda ta' dan hija l-purċissjoni penitenzjali ta' San Girgor li bosta storiċi fosthom **Zerafa**, jqisu li saret bħala turija ta' radd il-ħajr lil Alla illi bl-interċessjoni ta' Santa Katarina ħeles lil pajjiżna minn xi flaġell. L-istess knisja antika u storika illum imsejħa ta' San Girgor imma ddedikata minn dejjem lil Santa Katarina hija xhieda ħajja tad-devozzjoni ta' missirijietna lejn din l-Erojina Lixandrina. Ma setax jonqos għalhekk illi aħna nimitaw lil missirijietna mhux biss fl-imħabba tagħna lejn din Omm iż-Żwieten imma wkoll f'xi ħaġa tanġibbli.

Kienet is-sena **1971** meta tlett membri mill-Għaqda tagħna, **Nazzareno Gauci (Disma), Carmelo Caruana u Ġanni Camilleri** fuq inizjattiva ta' l-istess Nazzareno Gauci, bdew jiġbru minn fost il-membri l-oħra sabiex issir kuruna ġdida tad-deheb għal fuq ras l-istatwa ta' Santa Katarina. Aktar tard ingħaqad magħhom **Dun Ġużepp Xerri**. Il-ġbir aktar tard xtered fost il-poplu Żejtuni. Imma x-xitan daħħal denbu u ried jagħmel minn kollox biex din l-inizjattiva tisfratta. Xi bravi marru jsefsfu f'widnejn l-Arċisqof Gonzi b'dak li kien qed isir u għalhekk fl-ewwel okkażjoni li l-Arċisqof kellu li jżur il-parroċċa tagħna, jiġifieri għall-vista pastorali, ħataf ħatfa lill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. P. Orland u qallu li mhux biss ma jridx qassisin jindaħlu f'din l-attivita, ħaġa li kellu dritt jagħmel, iżda li ma riedx li jsiru kuruni. **Hawnhekk ta' min jgħid illi dak iż-żmien kienu qed isiru opri simili f'parroċċi oħra dejjem bil-barka tiegħu.** Pero' fil-każ tagħna aġixxa mod ieħor u dan dejjem għaliex kien imxewwex minn xi bravi.

Il-ġbir baqa' sejjer anzi żdied. F'kemm ili ngħidlek il-kuruna inġabret, ġiet ordnata u nħadmet għand is-Sur Tarċisju Cassar. Hekk kif tlestiet il-kuruna ġie mgħarraf l-Arċipriet u ntalab biex jgħarraf b'dan lill-Arċisqof Gonzi u kif kien xieraq jitolbu permess biex il-kuruna titbierek u titpoġġa fuq ras Santa Katarina kif sar f'parroċċi oħra. Hawnhekk l-Arċisqof deher li kien biddel l-attitudni tiegħu u wiegħed lill-Arċipriet li kien ser jibgħatlu risposta ma' l-Arċisqof Gerada peress li l-festa kienet qrib ħafna. Wasal il-Ħadd ta' qabel il-festa meta tinħareġ l-istatwa minn ġon-niċċa, il-poplu daħal bi ħġaru fil-knisja filwaqt li r-risposta baqgħet ma waslitx. Wasal ukoll l-ewwel tridu u ir-risposta baqgħet ma waslitx, pero' il-ferment beda tiela'. L-aħħar ċans li kien fadal biex din iċ-ċerimonja ssir kien l-aħħar jum tat-tridu. Il-knisja imballata bin-nies kulħadd jistenna ħerqan il-mument li xtaq. Ġie intonat l-Innu "Catherinae vox Triunphum", wara l-Antifona u l-barka Sagramentali. Eżattament wara fis-sagrestija qamet kommozzjoni kbira għaliex l-Arċisqof kien daħak bil-poplu u baqa' ma tax it-tweġiba tiegħu. Sadanittant kemm il-knisja minn barra kif ukoll it-toroq baqgħu mitfija.


SACRA CONGREGATIO
PRO CULTU DIVINO

Prot. N. 1601/72

4 dicembre 1972.

Pregiatissimi Signori,

è stata trasmessa a questo S.Dicastero una lettera con cui Loro chiedevano che S.Caterina vergine e martire venisse reinserita nel Calendario universale della Chiesa.

Ci scusiamo se la risposta a tale petizione la inviamo al loro Ecc.mo Vescovo, non conoscendo l'indirizzo di nessuno dei firmatari della petizione.

Esaminando attentamente la loro richiesta, si ritiene che il calendario universale stabilito per tutta la chiesa non debba essere mutato: loro già conoscono la determinazione data in questo senso da questa stessa Congregazione.

Quanto al bene spirituale dei fedeli, si pensa che le disposizioni date dalle Norme per la celebrazione dei Santi lo abbiano a favorire.

Infatti S.Caterina nei luoghi ove è celebrata come Patrona o Titolare, puo essere celebrata con il grado di "solennità": il che significa, con tutti gli onori liturgici di Messa e Ufficio. E' il caso delle comunità parrocchiali di Zejtun e Zurrieq. Consta inoltre che l'Ordinario diocesano [illegible] la Santa viene così celebrata in modo congruo in [illegible] parrocchie, in cui il culto deve continuare per ragioni di storia e di tradizione, a tali ragioni Loro non devono rinunciare, : e però esse non devono essere ritenute altrettanto obbliganti per la maggior parte dei fedeli di altri luoghi del mondo.

Con sensi di distinto ossequio a ciascuno di loro mi confermo

A. B.
( A. Bugnini )
Arcivescovo di [illegible]

Ai Signori Parrocchiani
di Zejtun e Zurrieq
Malta.

Kopja tat-Twegiba.

F'daqqa waħda bħal leħħa ta' berqa infetaħ beraħ il-bieb prinċipali tal-knisja u f'kemm ili ngħidlek l-istatwa ta' Santa Katarina ġiet merfugħa fuq l-idejn minn għadd kbir ta' Żwieten u maħruġa fuq iz-zuntier tal-knisja fost entużjażmu li ftit konna rajna bħalu fil-festa. Minnufih inxtegħlu t-toroq kif ukoll il-knisja waqt li minn fost il-folla kbira li nġabret fuq iz-zuntier dehret tilma l-**kuruna tad-deheb** rigal mill-qalb tall-poplu Żejtuni lill-patruna tiegħu. Wara li l-kuruna ġiet imbierka mill-qatt minsi Dun Karm Galea, ġie mressaq il-forċi biex il-promutur tal-kuruna Nazzarenu Gauci jitla' jneħħi l-kuruna l-qadima u jpoġġi fuq ras Santa Katarina il-kuruna ġdida tad-deheb. Hawn il-Banda Beland, li dak inhar kien imiss is-sehem tagħha bil-marċ ta' l-aħħar tridu, sellmet lill-patruna tagħna bid-daqq tagħha fost brijju kbir mill-partitarji numerużi u dilettanti. Wara l-istatwa ġiet imdaħħla mill-ġdid fil-knisja fost iċ-ċapċip tal-poplu. Kienet wirja verament mill-aqwa ta' għaqda fost il-poplu Żejtuni li ħalliet lill-istess awtoritajiet mistagħġba.

Kienet verament risposta ġenwina dik li kien ta l-**Isqof Emanuel Galea**, li kien jgħix fostna u kien iħoss il-polz tal-poplu Żejtuni, meta wara li l-kappillan tiegħu, il-mibki **Dun Ġużepp Desira** irrakkontalu x'kien ġara l-ġurnata ta' qabel bil-kuruna, dan bi tbissima qallu **"Sewwa għamlu"**.

Inizjattiva oħra importanti ħafna mis-Soċjeta' tagħna din id-darba flimkien mas-Soċjeta' Santa Katarina taż-Żurrieq kienet petizzjoni iffirmata mill-Għaqdiet taż-Żejtun u anke taż-Żurrieq kif ukoll minn bosta persuni prominenti miż-żewġ parroċċi **li ntbgħatet lis-Sacra Congregatio Pro Cultu Divino ġewwa l-Vatikan fl-1972.** It-tweġiba għall-petizzjoni ġġib id-data ta' l-4 ta' Diċembru, 1972 bil-firma tas-Segretarju tas-Sacra Congregatio l-**Arċisqof A. Bugnini**. Is-sustanza tat-tweġiba kienet li għalkemm il-kalendarju ma' jistax jiġi rivedut pero' joħroġ b'mod l-aktar qawwi u ċar illi dak li riedu jagħmlu xi uħud fil-konfront tal-patruna tagħna Santa Katarina ġew miżmuma milli jagħmlu dan mill-istess kongregazzjoni tal-Kult Divin tal-Vatikan. Fil-fatt nafu kif il-kurja kienet qed tipprepara sabiex anke **tneħħi l-quddiesa u l-uffizzjatura** ta' Santa Katarina. **Dan id-dokument żammhom milli jagħmlu dan.** Nikkwota bit-Taljan mill-istess dokument "Infatti S. Caterina nei luoghi dove e' celebrata come Patrona o Titolare, puo essere celebrata con il grado di **'solennita'**: il che significa, **con tutti gli onori liturgici di Messa e Ufficio"**. Mertu kbir ta' dan id-dokument kellu wkoll Dun Salv Farrugia.

Hekk il-membri tas-Soċjeta' tagħna flimkien ma' devoti oħra tal-**Verginella u Erojina Lixandrina** reġgħu taw prova tal-impenn li missirijietna rawwmu ġewwa fina speċjalment fejn tidħol il-festa tal-patruna tagħna kemm mill-lat reliġjuż, li jiġi qabel kollox, kif ukoll mil-lat soċjali. Kull Belandist għandu jkun kburi b'dan.